**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA’ ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR SIMONE GRECH LL.D.**

**Seduta**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**Vs**

**Salvatore Micallef**

**Illum 17 ta’ Frar 2020**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Salvatore Micallef ta’ 65 sena iben il-mejjet Paul Micallef u Lorenza xebba Vella, imwieled gewwa r-Rabat, Malta nhar l-04 ta’ Dicembru 1952 residenti gewwa Block 5, Flat 12, Triq Gheriexem, Rabat, Malta detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 880452M li permezz tagħhom ġie akkużat li:

*Talli f’ dawn il-gzejjer Maltin, matul il-perjodu ta’ bejn Jannar 2018 u Marzu 2018 b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda.*

1. *Approprjajt ruhek billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna ohra, is-somma ta’ erbat elef u mitejn Euro (EUR 4,200) liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilek that titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u dan ghad-dannu ta’ Karmenu sive Carmel Farrugia, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 368637M, anzjan ta’ 81 sena, u/jew ta’ persuna/I ohra;*
2. *U aktar talli, ghamilt qligh iehor b’ qerq mhux msemmi fl-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ta’ erbat elef u*

*mitejn Euro (EUR 4,200) ghad-dannu ta' Karmenu sive Carmel Farrugia detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 368637M, anzjan ta' 81 sena u/jew ta' persuna/I ohra.*

*Il-Qorti hija genitlment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tqis lill-imputat Salvatore Micallef bhala persuna li kkommettiet reat fuq persuna anzjana jew adult dipendenti hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 257D tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tordna lill-hatja jhallsu d-danni ai termini ta' l-artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat id-dokumenti.

Semgħet il-provi.

Rat li l-imputat kkontesta l-akkużi kif dedotti kontrih izda li ammettiehom fi stadju ulterjuri u li kkonferma tali ammissjoni wara li ngħata żmien raġjonevoli sabiex jirregola ruħhu u wara li ġew spjegati lilu l-konsegwenzi li ġġib magħha tali ammissjoni.

Rat l-Artikoli tal-Avukat Generali li bih ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja u li tista' tinsab htija taht l-Artikoli 17, 18, 31, 257D(a), 293, 309, 310(b), 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Fuq ammissjoni, din il-Qorti sejra ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tieghu. Fir-rigward ta' piena, l-istess Qorti żammet f' moħħha ċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ kif ukoll il-fatt li l-legali tal-parti leza ghan-nom ta' l-istess parti leza ddikjara li stante l-pagament li sar minn Salvatore Micallef, huwa qed jirrinunzja ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli u jiddikjara li m' ghandux iktar interess f' dawn il-proċeduri.

Ghaldaqstant, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 257D(a), 293, 309, 310(b), 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, qed issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet imressqa fil-konfront tiegħu u qegħda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn milll-lum ai termini ta' l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Maġistrat Simone Grech

Janet Calleja

Deputat Reġistratur